**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 23 – 26 ta' Novembru 2009**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.00 ta' filgħaxija u saret Agenda 23.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Dominic Cutajar | Viċi Sindku |
| | Dr. Peter Micallef | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | Mario Borg | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Rosario Cortis | Kunsillier |
| Skużati: | Ħadd | |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kien hemm l-ebda membru tal-pubbliku preżenti. | |

**1. QARI TAL-MINUTI**

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Kunsill kellu tlett settijiet ta' minuti x' japprova, aġenda 20, 21, u 22.

**2. KORREZZJONIJIET**

2.1. Is-Sindku Afred Grixti ressaq il-minuti ta' agenda 20 sabiex jiġu approvati hekk kif imqassma lill-Kunsilliera. Huwa ġie ssekondat mill-Kunsillier Rosario Cortis. Il-minuti ġew approvati mingħajr korrezzjonijiet b' mod unanimu. (1)

2.2. Is-Sindku Afred Grixti ressaq il-minuti ta' agenda 21 sabiex jiġu approvati hekk kif imqassma lill-Kunsilliera. Huwa ġie ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Agius. Il-minuti ġew approvati mingħajr korrezzjonijiet b' mod unanimu. (2)

2.3. Is-Sindku Afred Grixti ressaq il-minuti ta' agenda 20 sabiex jiġu approvati hekk kif imqassma lill-Kunsilliera. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Joe Ciantar. Il-minuti ġew approvati mingħajr korrezzjonijiet b' mod unanimu. (3)

2.4. Il-Kunsillier Rosario Cortis ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li għalkemm fil-minuti ta' agenda 22 hemm indikat li kien se jkun hemm anness id-diskors tas-sindku dan ma kienx hemm. Is-sindku spjega li kien se jgħaddi d-diskors lis-segretarju u dan iqasmu lill-kunsilliera.

Is-Sindku Alfred Grixti talab sospensjoni tal-agenda sabiex isiru l-presentazzjonijiet dwar skemi tal-immaniġjar tal-skart separat mill-Green Mt u l-Greenpak.

## 7. SKEMI IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART RIĊIKLABLI

7.1. Is-Sindku spjega li hija mira tal-gvern centrali li jnaqqas l-ammont ta' skart li jintefa fl-engineered landfill tal-Magħtab biex din tkun tista' topera sal-2023. Fl-aħħar xhur ġiet introdotta sistema fejn il-Kunsilli jiġu mitluba jħalsu €20 għal kull tunellata skart li jitfgħu fil-landfill. Il-gvern qiegħed jagħti allokazzjoni finanzjarja apposta skond figuri ta' tunellaġġ li ġew ikkalkulati għal kull lokalita. Jekk il-Kunsill jiġbor iktar skart minn din il-figura jkollu jħallas id-differenza huwa, iżda jekk jinġabar inqas il-Kunsill iżomm il-flus li ma jintużawx għalih. Dan kollu qiegħed isir bil-mira li l-Kunsilli ma jiġġenerawx iktar skart milli suppost.

7.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li huwa personalment kien iħoss debitu lejn il-ġenerazzjonijiet tal-futur sabiex jitħalla ambjent aħjar minn dak li sibna aħna. Il-Kunsillier Rosario Cortis ikkummenta li jaqbel li bħala Kunsill hemm responsabilta lejn ir-residenti tal-lokal u jrid ikun hemm edukazzjoni aħjar fuq ir-riċiklar tal-iskart.

7.3. Il-Kunsill daħal fi stadju ta' kumitat fis-6.20pm. L-ewwel sema' l-presentazzjoni tal-Green Mt u wara dik tal-Greenpak.

7.4. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera li jitqassam il-materjal pprovdut miż-żewġ kumpaniji u dan l-item jiġi diskuss waqt laqgħa oħra ta' Kunsill.

7.5. Il-Kunsillier Peter Micallef daħal fis-7.45pm u l-Kunsillier Mario Borg daħal fit-8.15pm.

7.6. Il-laqgħa tkompliet fit-8.20pm u għaddiet għal punt 3 tal-agenda.

## 3. ARISING OUT

3.1. Ma tressaq l-ebda punt quddiem il-Kunsill.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li kienet xewqa tiegħu li l-korrispondenza kollha tiġi scanned u tinbagħat by email lill-Kunsilliera kollha. Kien hemm diskussjoni u kien hemm qbil li l-korrispondenza kienet wisq biex tiġi scanned kollha, allura kien aħjar li tibqa tintbagħat skeda tal-korrispondenza.

4.2. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal artiklu 32 tal-att tal-kunsilli lokali u spjega li hemm imniżżel b' mod ċar li kull kunsillier irid ikun responsabli li jipprovdi indirizz elettroniku u kull korrispondenza, minuti, etc tintbaghat permezz ta' email. Il-Kunsillier Mario Borg għamel referenza għal direttiva tad-dipartiment fejn hemm spjegat li kunsilliera mingħajr email għandha tinbagħatilhom verżjoni *hard copy*.

4.3. Is-Segretarju għamel kjarifika fejn spjega li l-kunsillier Borg kien qiegħed jagħmel referenza għal Memo 75 fejn jintalab li l-Kunilliera kollha jirċievu kopja tal-memos tad-Dipartiment, jew b' *soft copy* jew *hard copy*. Is-Segretarju spjega li ma kienx hemm referenza għal dokumenti oħra, u li kien lest li jibqa jibgħat id-dokumentazzjoni kollha skond ix-xewqa ta' kull kunsillier.

4.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jkun jista jmur il-Kunsill u jara l-file tal-korrispondenza. Is-Sindku spjega li l-korrispondenza tal-kunsill kienet waħda pubblika u kulħadd seta jiġi u jara. Is-Segretarju kkummenta li l-bieb tal-kunsill kien dejjem miftuħ għal kulħadd.

## 5. ĦWEJJEĠ OĦRA

5.1.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab il-permess tal-kunsill sabiex huwa flimkien mal-kumitat immexxi minnu jkompli bil-laqgħat tal-anzjani. Huwa talab li jkun jaf jekk il-Kunsill kienx se jkompli joffri refreshments waqt dawn il-laqgħat. Il-Kunsillier Ciantar spjega li dawn ir-refreshements kienu se jsiru €1.60 kull persuna minflok €1.50 kif kienu qabel. Il-Kunsillier Ciantar qal ukoll li fis-sena l-għaddiet il-kelliema kienu jingħataw onorarja żgħira tal-kontribut tagħhom. Il-Kunsillier Ciantar irringrazzja lis-segretarju li għalkemm tard, bagħat ittra ta' ringrazzjament lill-membri tal-kumitat immexxi minnu.

5.1.2. Il-Kunsillier Ciantar talab li jkun jaf jekk il-Kunsill kellux il-ħsieb li jorganizza l-party tas-soltu tal-Milied għall-anzjani. Huwa qal li kien qiegħed jippjana li jagħmel dan il-party fil-31 ta' Diċembru filgħodu, ġewwa s-sala tal-skola. Il-Kunsillier Ciantar spjega li huwa kellem lis-surmast li talbu għajnuna mill-Kunsill fir-ristrutturar tas-sala tal-skola li kienet tintuża ta' spiss mill-publiku. Il-Kunsillier Ciantar spjega li huwa nforma lis-surmast li l-kunsill ma seta' jagħti l-ebda forma ta' għajnuna finanzjarja lill-iskola iżda minflok seta' jipprovdi xi materjal għax-xogħol involut.

5.1.3. Il-Viċi Sindku Domenic Cutajar wieġeb li madwar sena ilu, hu flimkien mas-Segretarju kienu attendew għal laqgħa mal-amministrazzjoni tal-iskola fejn kien hemm ftehim li l-iskola tgħaddi kopja tal-istimi għax-xogħolijiet li kellhom isiru fis-sala u l-Kunsill jikkunsidra x' tip ta' għajnuna jista joffri, iżda dawn l-istimi qatt ma ġew imressqa lill-Kunsill.

5.1.4. Il-Viċi Sindku Domenic Cutajar stieden lill-Kunsillier Ciantar sabiex jikkuntatja lis-Segretarju sabiex il-preparazzjonijiet għall-attivita tal-Milied ma jitħallewx għall-aħħar. Il-Kunsillier Ciantar wieġeb li kien diġa beda diskussjonijiet mas-Segretarju fuq ix-xogħol meħtieġ.

5.1.5. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li waqt li kien qiegħed jaqra l-att tal-kunsilli lokali sab referenza għall-użu tal-faċilitajiet tal-iskejjel wara l-ħinijiet tal-iskola. Is-Sindku spjega li fil-ġimgħa li għaddiet ġie kkuntatjat mill-persuna li toganizza l-korsijiet tal-kompjuter fil-librerija minħabba problema fil-mains tal-librerija li mhux qed tippermetti li l-korsijiet isiru b' mod regolari. Minħabba f' hekk huwa kien qiegħed jissuġġerixxi li fid-diskussjoni mas-surmast tal-iskola tiġi diskussa l-possibilta li l-korsijiet tal-kompjuter jibdew isiru fil-computer labs tal-iskola fuq ħlas mill-kunsill. Kien hemm qbil li s-Sindku jressaq din il-proposta lis-surmast.

5.1.6. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex issir l-attivita' tal-Milied għall-anzjani, u jitkomplew il-laqgħat tal-kumitat hekk kif mressqa mill-Kunsillier Ciantar. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Kien hemm qbil unanimu. (4)

5.2. Il-Kunsillier Joe Ciantar ressaq talba sabiex il-Kunsill jaqbel fuq ġurnata fissa meta ssir il-laqgħa tal-Kunsill. Kien hemm diskussjoni dwar is-suġġett. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-laqgħa tal-Kunsill tibda ssir l-ewwel Ħamis ta' kull xahar, u skond iċ-ċirkostanzi tal-Kunsill isiru aktar minn laqgħa waħda fix-xahar u l-laqgħa tibda fis-6.30pm. Huwa ġie ssekondat mill-Viċi Sindku Domenic Cutajar. Kien hemm qbil unanimu. (5)

5.3.1. Il-Kunsillier Joe Ciantar informa lill-Kunsill li ġie avviċinat sabiex jinxtraw kotba ġodda għal-librerija.

5.3.2. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li huwa kien tal-idea li l-kunsill imur oltre minn hekk. Huwa spjega li ġie avviċinat mis-sur Pawlu Grima fejn dan spjega li l-Għaqda tal-Malti bis-sehem tas-sur Frans Sammut kienet qed tippjana li tagħmel attivita' f' ġieħ ħuħ Dr. Joe A. Grima li kien għadu kif miet. Is-sur Grima talab li l-librerija pubblika ta' Ħaż-Żebbuġ tiġi msemmija f' isem ħuħ li apparti li kien deputat magħruf kien ukoll il-mutur wara t-twaqqif tal-għaqda tal-Malti. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li huwa xtaq li l-Kunsill jagħmel xi ħaġa ta' sinjifikat u mhux biss jagħmel plakka ma' ħajt b' dedika lil Dr. Joe Grima, iżda li dan ikun parti minn refurbishment totali tal-librerija. Kien hemm qbil li dan l-item jittella' fuq l-agenda.

5.4. Il-Kunsillier Joe Ciantar ressaq ilment f' isem is-sinjura Maria Micallef magħrufa bħala tal-Patla dwar bank fit-triq tagħha u dwar il-plakka tal-isem tat-triq. Is-segretarju wieġeb li kien jaf dwar dawn it-talbiet iżda fil-mument ma setax jieħu ħsiebhom minħabba li l-Kunsill kien bla ħaddiema.

5.5. Il-Kunsillier Joe Ciantar ressaq talba sabiex id-deċiżjonijiet li jittieħdu fil-laqgħat tal-kunsill jiġu numerati fil-minuti u tintbagħat skeda bid-deċiżjonijiet li jkunu ttieħdu. Is-segretarju wieġeb li ma kien hemm l-ebda problema li tintlaqa' din it-talba speċjalment jekk jittieħed vot fuq kull deċiżjoni.

5.6.1. Il-Kunsillier Duncan Bartolo nforma lill-Kunsill li fil-ġimgħat li għaddew huwa kien ingħata permess mill-ex Sindku Brian Bonnici sabiex japplika f' isem il-kunsill għall-inizjattiva tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, liema applikazzjoni ġiet aċċettata u l-flyers tqassmu fid-djar. Il-Kunsillier Bartolo spjega li ż-żgħażagħ interessati kellhom japplikaw mas-Segretarjat taż-Żgħażagħ.

5.6.2. Il-Kunsillier Mario Borg spjega li din kienet inizjattiva li kienu ħadmu fuqha hu u l-Kunsillier Bartolo meta kienu membri tal-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Il-Kunsillier Borg spjega li saru xi kambjamenti fl-iskema oriġinali li telfu xi ftit mill-awtonomija tal-iskema.

5.6.3. Il-Kunsillier Bartolo qal li bħala parti minn dan il-proġett iż-żgħażagħ kienu se jitgħallmu kif jopera l-kunsill, kif jippreparaw laqgħat, etc. Huwa kompla jgħid li fl-aħħar tal-inizjattiva kull lokalita li tipparteċipa tippreżenta proġett ta' €10,000 u mill-proġetti mressqa jintagħżlu 3. Dawn il-proġetti jiġu co-financed mis-Segretarjat li joħrog 75% tal-ispiża u 25% jiġu koperti mill-Kunsill Lokali. Dan il-25% jammonta għal

€2,500. Il-Kunsillier Bartolo talab li jkun jaf jekk il-Kunsill kienx lest li joħroġ dik is-somma. Saret diskussjoni.

Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jappoġġja l-inizjattiva tal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ billi joħroġ il-finanzjament imsemmi. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Domenic Cutajar. Kien hemm qbil unanimu. (6)

Il-Kunsillier Duncan Bartolo talba li jkun skużat. Huwa telaq fid-8.55pm.

5.7. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf jekk kienx se jkun hemm xi tibdil fid-dekasteri. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li fil-mument kien qed jistudja l-liġi u kien se jinforma lill-Kunsilliera dwar is-suġġett aktar il-quddiem.

5.8. Il-Kunsillier Emanuel Agius ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar xi tabelli ta' Jum Ħaż-Żebbuġ li kienu għadhom imwaħlin. Is-Sindku wieġeb li kienet se tittieħed azzjoni dwar dan u ġibed l-attenzjoni li kien ġa tneħħa l-billboard ta' ħdejn il-Bieb de Rohan. Il-Kunsilliera George Cortis, Mario Borg u Peter Micallef ikkummentaw li kien pass għaqli ħafna li nqala' l-billboard ta' Vjal il-Ħelsien.

5.9. Il-Kunsillier Emanuel Agius talab li jkun jaf kif baqa' l-Kunsill fuq il-ħaddiema tal-IPSL. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li kien tkellem mas-sur Joe Grillo, Chairman tal-IPSL, li kien qallu li minn naħa tiegħu ma kienx isib ebda oġezzjoni sabiex dawn jintbagħtu lura l-Kunsill iżda kien ingaħata parir li dan isir biss meta tintemm l-investigazzjoni tal-pulizija.

5.10. Il-Kunsillier Mario Borg informa lill-Kunsill li fis-sajf kellu l-opportunita' li jaħdem fuq inizjattiva mal-Malta Medical Students Association. Il-Kunsillier Borg spjega li kienet xewqa tiegħu li tiġi organizzata attivita' relatata mas-saħħa bl-isem ta' Health fest fejn issir attivita fil-pjazza fejn jittieħed il-body mass index (BMI) u jsir it-test taz-zokkor lill-pubbliku. Din l-attivita hija ppjanata li ssir fi Frar. L-involviment tal-Kunsill jinkludi l-finanzjament tal-isticks sabiex jittieħed it-test taz-zokkor.

Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-kunsill japprova din l-attivita u l-finanzjament relatat. Huwa ġie sekondat mill-kunsillier Joe Ciantar. Kien hemm qbil unanimu (7)

5.11. Il-Kunsillier Peter Micallef nforma lill-Kunsill li huwa kien iddiskuta mal-ex Sindku Brian Bonnici dwar programm ta' tution courses lil tfal li jkunu batuti fl-iskola li jiġu nominati mill-għalliema tagħhom. Dawn il-korsijiet isiru darbtejn fil-ġimgħa wara l-ħin tal-iskola minn numru ta' voluntiera. Il-Kunsillier Micallef talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jinstabu aktar

voluntiera sabiex jipparteċipaw f' dawn il-korsijiet. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li seta' jsir avviż fil-ħarġa li jmiss tal-fuljett tal-kunsill. Is-Sindku nforma lill-kunsilliera sabiex jippreparaw artiklu ta' madwar 300 kelma għall-ħarġa li jmiss tal-fuljett. Peress li kien daħal iż-żmien kien ġie deċiż li dan jitħalla għal wara l-festi.

5.12. Il-Kunsillier George Cortis tkellem dwar problema ta' għarar ħdejn il-lunzjata. Huwa spjega li diġa kellu l-opportunita li jitkellem mas-segretarju u l-kuntrattur Raymond Calleja dwar soluzzjoni għal din il-problema. Is-Sindku Alfred Grixti ssuġġerixxa li l-kunsilliera George Cortis u Rosario Cortis imorru fuq il-post sabiex jitkellmu dwar il-proposta tal-Kunsillier George Cortis. Kien hemm qbil li għal dan il-meeting jiġi nfurmat il-perit tal-kunsill sabiex jattendi wkoll.

5.13. Il-Kunsillier George Cortis informa lill-Kunsill li s-search lights ta' quddiem l-istatwa ta' Santa Marija kien inkiexfilhom xi wires u kienu perikolużi. Huwa ressaq suġġeriment sabiex dawn jingħalqu b' sheltering tal-ġebel. Kien hemm ftehim li l-Kunsilliera George u Rosario Cortis imorru jaraw dan il-każ fuq il-post.

5.14. Tressaq ilment dwar sleeping police fi Triq il-Grazzja li minħabba fiha kien qiegħed jidħol l-ilma għand l-familja Kingswell. Kien hemm qbil li din l-isleeping police titneħħa jew tinfetaħ minn nofs.

5.15. Il-Kunsillier George Cortis ġibed l-attenzjoni dwar il-bus shelter tal-pjazza li kien hemm ftehim li jinbidel. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li wara li saret il-laqgħa mal-kuntrattur interessat dan ippreżenta kwotazzjoni ta' madwar €6,000 għal dan ix-xogħol. Is-Sindku kompla jgħid li kienet intalbet kwotazzjoni oħra għal dan ix-xogħol.

5.16.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li huwa xtaq ixolji l-kumitat tal-finanzi fi ħdan il-Kunsill. Minflok huwa jrid jagħmel tenders evaluation and adjudicating committee magħmul minn persuni indipendenti li jeżamina l-offerti li jirċievi l-kunsill u jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-kunsill, sabiex tikber it-trasparenza fil-proċeduri tat-tendering. Is-Sindku spjega li fix-xhur li ġejjin kien hemm numru kbir ta' tenders ħerġin u l-kunsill kellu jiżgura li jagħmel l-aħjar għażliet bl-iktar mod trasparenti u ma jħallix lok għal suspetti u akkużi minn persuni esterni.

5.16.2. Is-Sindku kompla jgħid li huwa kien ġa avvċina xi nies sabiex jagħmlu parti minn dan il-kumitat. Dawn kienu l-ex Viċi Sindku Paula Buhagiar bħala Chairperson tal-kumitat, l-ex kunsillier Philip Said u s-sur Salvu Borg. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li s-sur Borg kien għamel żmien twil jaħdem bħala Manager tal-plant, equipment u logistics mal-Maltacom u

qatt ma kien hemm mistoqsijiet dwar l-integrita tiegħu u xogħolu kien propju fuq tendering.

5.16.3. Il-Kunsillier Mario Borg issuġġerixxa li dan il-kumitat ikun magħmul minn 5 minn nies u fil-laqgħa li jmiss jiġu mressqa l-ismijiet ta' żewġ persuni oħra. Kien hemm qbil dwar dan.

5.16.4. Is-Sindku Alfred Grixti qal li sakemm dan il-kumitat ikun funzjonanti u in vista tal-fatt li hemm numru ta' tenders li waslu biex jiskadu huwa kien qiegħed jissuggerixxi li tingħata estensjoni ta' 3 xhur fuq it-tenders li waslu biex joħorġu sabiex il-kunsill jilħaq jagħmel ix-xogħol neċessarju. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Domenic Cutajar. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. (8)

5.16.5. Il-Kunsillier Joe Ciantar talab li jkun jaf jekk dan il-kumitat kienx se jingħata terms of reference fuq xiex jopera. Is-Sindku Alfred Grixti offra lill-Kunsillier Ciantar li jipprepara dawn it-terms of reference. Il-Kunsillier Ciantar wieġeb li jkun aħjar jekk dawn jiġu preparati mis-segretarju. Is-Segretarju kkummenta li bħala terms of reference ewlenin kellhom jintużaw il-proċeduri għall-offerti hekk kif stipulati mill-liġi.

5.17. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li huwa kellu xewqa li l-Kunsill jaħdem fuq proposta ta' ġemellaġġ mal-belt Franċiża ta' Rohan fid-dawl ukoll tal-fatt li l-ġemellaġġ propost ma' Calatabiano spiċċa fix-xejn.

Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jaħdem fuq ġemellaġġ mall-belt Franċiża Rohan. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Rosario Cortis. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. (9)

## 6. VOT TA' FLUS

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq quddiem il-Kunsill iż-żewġ skedi ta' pagamenti.

6.2. Il-Kunsillier Emanuel Agius ikkummenta li l-ħlas tal-scouts għat-tqassim tal-fuljett kien wieħed ftit eċċessiv meta mqabbel ma' kumpaniji privati li kienu jieħdu madwar €130. Il-Viċi Sindku Domenic Cutajar u l-Kunsillier Peter Micallef ikkummentaw li fl-aħħar mill-aħħar d-differenza ma kienitx xi waħda kbira u permezz ta' hekk il-Kunsill kien qiegħed jgħin għaqda lokali.

6.3. Il-Viċi Sindku Domenic Cutajar bħala rappreżentant fil-Kumitat Konġunt spjega l-pagamenti relatati mad-DITSL. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li permezz ta' dan il-ftehim il-Kunsill kien se jkollu fondi addizjonali għal xi proġett.

6.4. Saret diskussjoni dwar kif għandhom jintefqu dawn il-fondi. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa kien tal-idea li permezz tagħhom isiru sqaqien fl-inħawi mhux urbani ta' Ħaż-Żebbuġ sabiex il-Kunsill iħares ukoll il-bżonnijiet tal-bdiewa u n-nies li jużaw dawn it-toroq. Huwa qal li l-Kunsill kellu jġib kwotazzjonijiet għal resurfacing permezz ta' konkoss f' diversi sqaqien fosthom, sqaq in-Niexef, magħruf bħala sqaq il-Qenċ, tal-Ħlas, sqaq il-Pala, etc.

Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex dawn il-fondi jintefqu fuq toroq mhux urbani wara li jinġiebu kwotazzjonijiet u jiġu approvati mill-Kunsill. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Domenic Cutajar. Kien hemm qbil unanimu fuq il-mozzjoni. (10)

6.5. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskedi ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Domenic Cutajar. Il-pagamenti ġew approvati bi qbil unanimu. (11)

6.5.1. Dawn l-iskedi jiffurmaw parti minn dawn il-minuti u huma mehmużin magħhom.

6.6. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li meta wieħed iħares lejn l-uffiċju tal-Kunsill, hemm diversi limitazzjonijiet li ma jippermettux li l-Kunsill jaħdem bl-aħjar mod. Is-Sindku kompla jgħid li bi ftit tibdiliet il-Kunsill ikun f' posizzjoni li jagħmel użu aħjar mir-riżorsi limitati tiegħu u joffri servizz u immaġni aħjar lill-publiku.

Is-Sindku Alfred Grixti qal li kien hemm bżonn jinxtraw desks ġodda għall-uffiċju tas-Sindku u s-segretarju, kompjuters ġodda ghas-Sindku u s-segretarju, printer għall-uffiċju tas-Sindku, sistema ta' intranet għall-uffiċju, bnadar ġodda tal-kunsill, arblu għall-bandiera tal-unjoni ewropeja, plakka ġdida bil-ħinijet tal-Kunsill anke fid-dawl ta' tibdil fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-uffiċju, sistema ta' sorveljar permezz ta' cctv camera għall-uffiċju sabiex tiġi assigurata s-sigurta tal-ħaddiema speċjalment nhar ta' sibt meta jkun hemm persuna waħda biss xogħol. Is-Sindku kompla jgħid li hija xewqa tiegħu li jsiru business cards għas-Sindku, Viċi Sindku, kunsilliera u s-segretarju, djarji tal-kunsill li tingħata kopja tagħhom lill-membri tal-kumitati tal-għaqdiet, kif ukoll kalendarju li jitqassam lir-residenti Żebbuġin.

Is-Sindku spjega li ħafna minn dawn l-ispejjez kienu jaqaw taħt il-parametri tiegħu bħala Sindku hekk kif permessi mill-liġi iżda xorta waħda xtaq l-approvazzjoni tal-Kunsill qabel jagħmel dawn l-affarijiet. Is-Sindku ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jixtri dawn l-affarijiet wara li

jinġiebu kwotazzjonijiet. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Domenic Cutajar. Kien hemm qbil unanimu. (12)

6.7. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li ġie avviċinat mill-club tal-boċċi minħabba għajnuna mwegħda mill-ex Sindku Brian Bonnici sabiex issirilhom statwa ta' Padre Pio fil-ground tagħhom. Is-Sindku kompla jgħid li huwa kien spjega lill-club tal-boċċi li l-Kunsill ma jista jagħti l-ebda għajnuna finanzjarja diretta permezz ta' donazzjonijiet. Is-Sindku spjega li huwa kellu idea li jagħmel kuntatt mal-iskola tal-bini fi ħdan l-MCAST sabiex din l-istatwa issir bħala proġett mill-istudenti u l-kunsill jipprovdi l-materjal. Kien hemm qbil dwar din il-proposta tas-Sindku.

## 8. SORVELJAR PJAZZA

8.1. Ma kien hemm l-ebda diskussjoni dwar dan is-suġġett.

## 9. PATCHING

9.1. Dan is-suġġett ġie diskuss f' punt 6.4. tal-minuti.

## 10. TIŻJIN TAL-MILIED

10.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-kunsill li t-tenders għat-tiżjin tal-milied kienu jagħlqu l-ġimgħa 27 ta' Novembru. Is-Sindku spjega li l-proċess tal-aġudikazzjoni ta' dan it-tender irid ikun wieħed rapidu peress li ma tantx kien għad fadal żmien sabiex isir l-armar.

Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 10 ta' Diċembru fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fl-10pm.





Alfred Grixti
Sindku

Christopher Formosa
Segretarju Eżekuttiv